Avviż Nru. 102. Kiri tale quale għal perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali ta' Ħanut Nru.96, Triq Santa Marija kantuniera ma' Triq il-Karmnu, Tas-Sliema, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2016_0935. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €23,436 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sebat elef u tmien mija u tnax-il ewro (€7,812) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet.

It-30 ta' Awwissu, 2022

KUMMISSJONI GĦAD-DRITTIJIET TA' PERSUNI B'DIŻABBILTÀ (CRPD)

Il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (CRPD) tgħarraf li:

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 20 ta' Settembru, 2022, jintlaqgħu offerti magħluqa għal:

Avviż Nru CRPD/RFP/0322. Proposta ta' servizzi legali għas-CRPD.

Dokumenti relatati ma' din is-sejħa jistgħu jinkisbu mis-segretarjat tas-CRPD fl-indirizz li ġej:

CRPD
G5 Offices
Triq Salvu Psaila
Birkirkara BKR 9077

Jew permezz ta' ittra elettronika lil (procurement@crpd.org.mt)

L-applikazzjonijiet għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti fl-indirizz imsemmi hawn fuq.

It-30 ta' Awwissu, 2022

right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 102. Lease tale quale for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of a Shop at No. 96, Triq Santa Marija cornering with Triq il-Karmnu, Tas-Sliema, as shown edged in red on the plan P.D.2016_0935. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for the amount of €23,436 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of seven thousand and eight hundred and twelve euro (€7,812) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website.

30th August, 2022

COMMISSION FOR THE RIGHTS OF PERSONS WITH DISABILITY (CRPD)

The Commission for the Rights of Persons with Disability (CRPD) notifies that:

Sealed offers will be received up to 10.00 a.m. on Tuesday, 20th September, 2022, for:

Advt No. CRPD/RFP/0322. Proposal for legal services for CRPD.

Documents can be obtained from CRPD's secretariat at the following address:

CRPD
G5 Offices
Triq Salvu Psaila
Birkirkara BKR 9077

Or by email to (procurement@crpd.org.mt)

Applications should be deposited in the Offers Box at the above mentioned address.

30th August, 2022

INDIS MALTA LTD

Il-Kap Eżekuttiv ta' INDIS Malta Ltd jgħarraf li talbiet għal proposti qed jintlaqgħu permezz ta' ittra elettronika lil (procurement@indismalta.com)

Sal-5.00 p.m. tal-Ġimgħa, 9 ta' Settembru, 2022, għal:

RFP Nru. RFP-CHRISTMASVILLAGE/2022. Organizzazzjoni ta' villaġġ bit-tema tal-Milied fil-Villaġġ tal-Artiġjanat f'Ta' Qali.

Il-parteċipazzjoni hija bla ħlas.

Kull min hu interessat jista' jakkwista kopja tat-Talba għal Proposti mis-sit elettroniku ta' INDIS Malta (www.indismalta.com).

It-30 ta' Awwissu, 2022

INDIS MALTA LTD

Il-Kap Eżekuttiv ta' INDIS Malta Ltd jgħarraf li espressjonijiet ta' interess qed jintlaqgħu permezz ta' ittra elettronika lil (procurement@indismalta.com)

Sal-5.00 p.m. tal-Ġimgħa, 9 ta' Settembru, 2022, għal:

EOI Nru. EOI-FE/2022. Provvediment ta' servizzi ta' Inġiniera biex jipprovdu ċertifikati tan-nar, sigurtà u ventilazzjoni.

Il-parteċipazzjoni hija bla ħlas.

Kull min hu interessat jista' jakkwista kopja tal-espressjonijiet ta' interess mis-sit elettroniku ta' INDIS Malta (www.indismalta.com).

It-30 ta' Awwissu, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 2608U22 jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Erbgħa, 31 ta' Awwissu, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

It-30 ta' Awwissu, 2022

INDIS MALTA LTD

The Chief Executive Officer, INDIS Malta Ltd notifies that request for proposals are being received via email to (procurement@indismalta.com)

Up to 5.00 p.m. on Friday, 9th September, 2022, for:

RFP No. RFP-CHRISTMASVILLAGE/2022. Organisation of a Christmas-themed village at Ta' Qali Artisan Village.

Participation is free of charge.

Interested parties may download a copy of the Request for Proposals from the INDIS Malta website (www.indismalta.com).

30th August, 2022

INDIS MALTA LTD

The Chief Executive Officer, INDIS Malta Ltd notifies that expressions of interest are being received via email to (procurement@indismalta.com)

Up to 5.00 p.m. on Friday, 9th September, 2022, for:

EOI No. EOI-FE/2022. Provision of Engineers to provide fire, safety and ventilation certificates.

Participation is free of charge.

Interested parties may download a copy of the expressions of interest from the INDIS Malta website (www.indismalta.com).

30th August, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 2608U22 will be received up to noon on Wednesday, 31st August, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

30th August, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 20 ta' Settembru, 2022. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 021-1009/22. 'Mesalazine 1g foam/retention enema'
CFT 009-1010/22. 'Water efficient long lever wall mounted water mixers'
CFT 020-1011/22. 'Hereditary cancer screen (HCS0 service'
CFT 021-1012/22. 'Pilocarpine Hydrochloride 4% w/v eye drops'
CFT 013-1013/22. 'Stationery items'
CFT 021-1014/22. 'Pralidoxime 1000mg injections'
CFT 020-1015/22. 'Chromatography test strips' u oġġetti relatati oħra
CFT 023-1016/22. Provvista ta' 'blood bag labels' u kiri ta' 'thermal transfer printers'
CFT 009-1017/22. Ittestjar ta' ilma għal Legionella
CFT 021-1018/22. 'Dexamphetamine 5mg tablets'
CFT 020-1019/22. 'Liquid based cytology' għal MDH
CFT 020-1020/22. 'Hydrophilic urinary catheters ch12'
CFT 021-1021/22. 'Promethazine Hydrochloride 25mg tablets'

Id-dokument tal-offerta huwa mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

It-30 ta' Awwissu, 2022

KUNSILL LOKALI L-FONTANA

Il-Kunsill Lokali l-Fontana jgħarraf illi:

Offerti elettroniċi jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali l-Fontana sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, 22 ta' Settembru, 2022, għal:

Avviż Nru. FLC/05/2022. Provvista ta' vann tal-elettriku għall-Kunsill Lokali l-Fontana.

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 20th September, 2021. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 021-1009/22. Mesalazine 1g foam/retention enema
CFT 009-1010/22. Water efficient long lever wall mounted water mixers
CFT 020-1011/22. Hereditary cancer screen (HCS0 service
CFT 021-1012/22. Pilocarpine Hydrochloride 4% w/v eye drops
CFT 013-1013/22. Stationery items
CFT 021-1014/22. Pralidoxime 1000mg injections
CFT 020-1015/22. Chromatography test strips and other related items
CFT 023-1016/22. Supply of blood bag labels and leasing of thermal transfer printers
CFT 009-1017/22. Testing of water for Legionella
CFT 021-1018/22. Dexamphetamine 5mg tablets
CFT 020-1019/22. Liquid based cytology for MDH
CFT 020-1020/22. Hydrophilic urinary catheters ch12
CFT 021-1021/22. Promethazine Hydrochloride 25mg tablets

This tender document is free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

30th August, 2022

FONTANA LOCAL COUNCIL

The Fontana Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Fontana Local Council through ePPS up to 11.00 a.m. on Thursday, 22nd September, 2022, for:

Advt No. FLC/05/2022. Supply of a full electric van for the Fontana Local Council.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-30 ta' Awwissu, 2022

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

30th August, 2022

KUNSILL LOKALI Ż-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

Il-Kunsill Lokali ż-Żebbuġ (Għawdex) jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali ż-Żebbuġ (Għawdex), permezz tal-ePPS, sal-10.30 a.m. ta' nhar il-Ħamis, 22 ta' Settembru, 2022, għal:

Avviż Nru. ZGLC/05/2022. Provvista u installazzjoni ta' tagħmir tal-logħob u wċuħ tal-art siguri għall-Promenade tal-Qbajjar – naħa tal-Punent, inkluż xogħlijiet ta' pavimentar relatati.

Id-dokumenti tal-offerti huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-30 ta' Awwissu, 2022

ŻEBBUĠ (GOZO) LOCAL COUNCIL

The Żebbuġ (Gozo) Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Żebbuġ (Gozo) Local Council through ePPS, up to 10.30 a.m. on Thursday, 22nd September, 2022, for:

Advt No. ZGLC/05/2022. Supply and installation of playing equipment and safe surfaces for Qbajjar Promenade – west end, including paving and related works.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

30th August, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1486

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-25 t' Awwissu, 2022, u dan wara Rikors b'numru 567/2022, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex sabiex jagħmel dawk l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att tal-Mewt li jġib in-numru 348/1946 sabiex fil-kolonna intestata 'jekk hux miżżewweġ/miżżewġa jew le, armel jew armla' il-kliem 'mart Francis Grima' jiġu sostitwiti bil-kliem 'armla ta' Giuseppe Cauchi u mart Francis Grima' u fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom il-ġenituri' il-kliem 'Joseph Borg u Mary Borg née Sultana'

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 25th August, 2022, and upon an application numbered 567/2022, ordered:

The Director of the Public Registry of Gozo to make the appropriate annotations or corrections in the Act of Death bearing the number 348/1946 so that in the column headed 'whether married or unmarried, widower or widow' the words 'wife of Francis Grima' are substituted by the words 'widow of Giuseppe Cauchi and wife of Francis Grima' and in the column headed 'Name and surname of parents' the words 'Joseph Borg and Mary Borg née Sultana' are substituted by

jiġu sostitwiti bil-kliem 'Paolo Vella (mejjet) u Giuseppa Vella née Borg (mejta)'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili
Illum il-Ħamis, 25 ta' Awwissu, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

the words 'Paolo Vella (deceased) and Giuseppa Vella née Borg (deceased)'.

Court of Revision of Notarial Acts
Today Thursday, 25th August, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1487

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-28 ta' Lulju, 2022, fuq talba ta' Joseph Aquilina et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw il-benefiċċju tal-Giuspatronato Laicale del Santissimo Salavatore fl-atti taċ-ċedola numru 1422/2022 fl-ismijiet Joseph Aquilina et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens ta' Joseph Aquilina, armel (KI 832135M) bin il-mejtin Joseph Aquilina u Nicolina née Mallia imwieled il-Ħamrun fil-5 ta' Diċembru u residenti Tas-Sliema eredi ta' Joseph Aquilina; Nicolette Sultana, mart Peter Sultana, (KI 169964M) bint il-mejjet John Aquilina u Genevieve née Vella imwielda Tas-Sliema nhar l-1 ta' Frar 1964 u residenti l-Mosta; Maria Dolores sive Dorielle Cordina, mart Marius Cordina (KI 52867M) bint il-mejjet John Aquilina u Genevieve née Vella, imwielda Tas-Sliema nhar it-22 ta' Settembru 1967 u residenti Tas-Sliema, ilkoll eredi ta' John Aquilina; Mark Aquilina, (KI 175768M), bin il-mejjet Victor Aquilina u Maria Stella née Zammit, imwieled Tas-Sliema nhar it-13 ta' April 1968 u residenti n-Naxxar, eredi ta' Victor Aquilina; Nicholette Aquilina Di Noto, mart Daniele Di Noto (KI 397867M) bint il-mejjet Spiridione Aquilina u Rosanne née Bartolo, imwielda Tas-Sliema nhar it-28 ta' Settembru 1967 u residenti San Ġwann; Jacqueline Aquilina, mart Mike Sijbrandij (KI 397867M), bint il-mejjet Spiridione Aquilina u Rosanne née Bartolo, imwielda Tas-Sliema nhar is-26 ta' Lulju 1969 u residenti San Ġwann u Nadine Aquilina, divorzjata (KI 79875M) bint il-mejjet Spiridione Aquilina u Rosanne née Bartolo imwielda Tas-Sliema nhar it-23 ta' Novembru 1974 u residenti Ħ'Attard ilkoll eredi ta' Spiridione Aquilina vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw il-Benefiċċju tal-Giuspatronato Laicale del Santissimo Salvatore, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-27 ta' Lulju, 2022, fejn Joseph Aquilina (KI 832135M) et esponew bir-rispett:

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 28th July, 2022, following a request by Joseph Aquilina et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the estate of of Giuspatronato Laicale del Santissimo Salvatore in the acts of the schedule of deposit number 1422/2022 in the names Joseph Aquilina et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and concurrent redemption of ground rent number 1422/2022 in the names of Joseph Aquilina, widower (ID 832135M) son of the late Joseph Aquilina and Nicolina née Mallia born in Ħamrun on the 5th December and residing in Tas-Sliema heir of Joseph Aquilina; Nicolette Sultana, wife of Peter Sultana, (ID 169964M) daughter of the late John Aquilina and Genevieve née Vella born in Tas-Sliema on the 1st February 1964 and residing in Mosta; Maria Dolores sive Dorielle Cordina, wife of Marius Cordina (ID 52867M) daughter of the late John Aquilina and Genevieve née Vella, born in Tas-Sliema on the 22nd September 1967 and residing in Tas-Sliema all heirs of John Aquilina; Mark Aquilina, (ID 175768M), son of the late Victor Aquilina and Maria Stella née Zammit, born in Tas-Sliema on the 13th April 1968 and residing Naxxar heir of Victor Aquilina; Nicholette Aquilina Di Noto, wife of Daniele Di Noto (ID 397867M) daughter of the late Spiridione Aquilina and Rosanne née Bartolo, born in Tas-Sliema on the 28th September 1967 and residing in San Ġwann, Jacqueline Aquilina, wife of Mike Sijbrandij (ID 397867M), daughter of the late Spiridione Aquilina and Rosanne née Bartolo, born in Tas-Sliema on the 26th July 1969 and residing in San Ġwann and Nadine Aquilina, divorced (ID 79875M) daughter of the late Spiridione Aquilina and Rosanne née Bartolo born in Tas-Sliema on the 23rd November 1974 and residing in Ħ'Attard all heirs of Spiridione Aquilina vs Deputy Curators to represent the estate of Giuspatronato Laicale del Santissimo Salvatore filed in the First Hall of the Civil Court on the 27th July 2022, the applicants Joseph Aquilina (ID 832135M) et respectfully submitted:

Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-garaxx bin-numru uffiċjali 11, illum mingħajr isem ġja bl-isem Brighton fi Triq Nazju Ellul, Il-Gżira, liema fond ġie akkwistat mid-decujus Joseph Aquilina permezz tal-kuntratt ta' bejgħ tad-19 ta' Diċembru, 1966, fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin anness u mmarkat bħala Dok. JA1, liema proprjetà għaddiet għand ir-rikorrenti permezz tal-kuntratt ta' diviżjoni datat 14 ta' Frar, 2020, fl-atti tan-Nutar Roderick Caruana anness u mmarkat bħala Dok. JA2.

Illi dan l-imsemmi fond, indikat fuq is-siteplan hawn annessa u mmarkata bħala Dok. JA3, huwa suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €28.50 li jitħallsu lill-intimat;

Illi r-rikorrenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bl-Artikolu 1501 tal-Kap. 16 u jifdu dan l-imsemmi ċens.

Is-somma ta' €28.50 kapitalizzata bil-5% tammonta għal €570.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-Awtorità tagħha qegħdin jiddepożitaw is-somma totali ta' €570 sabiex tiġi liberament żbankata mill-intimat, kontra r-rilaxx tas-solita riċevuta skont il-liġi.

Rikorrenti: 13, Triq Salvu Bonanno, San Ġwann

Notifiki:
1. Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta
2. Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Prim'Imħallef Mark Chetcuti, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 28 ta' Lulju, 2022

That the applicants are the owners of the garage with official number 11, today without name previously named Brighton, in Triq Nazju Ellul, Gżira, which premises were acquired by the decujus Joseph Aquilina by means of a deed of sale dated 19th December, 1966, in the records of Notary Maurice Gambin, attached and marked as Doc. JAQ which property was then transferred to the applicants by means of a deed of division dated 14th February, 2020, in the records of Notary Roderick Caruana attached and marked as Doc. JA2;

That the said premises, are shown on the siteplan here attached and marked as Doc. JA3 as subject to the annual and perpetual groundrent of €28.50 that are paid to the respondent;

That the applicants wish to avail themselves of the option given to them in terms of Article 1501 of Cap. 16 and redeem the said groundrent.

That the amount of €28.50 capitalised at the rate of 5% amounts to €570.

Thus, the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its Authority are depositing the total amount of €570 so that it will be freely withdrawn by the respondents after leaving the relative receipt according to law.

Applicants: 13, Triq Salvu Bonanno, San Ġwann

Notification:
1. Director Public Registry, Triq id-Dejqa, Valletta

2. Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Chief Justice Mark Chetcuti, LLD, Doctor of Laws.

Today 28th July, 2022

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 26 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 26th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1488

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta
Lill-Marixxal tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti , fit-2 ta' Frar, 2022, fuq talba ta' Mousab Almatni ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-minuri, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 24/2022AGV, fl-ismijiet Mousab Almatni vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Guramentat, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta' Jannar, 2022, fl-ismijiet Mousab Almatni (KI 538612L) vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Marcella Mifsud (KI 225478M) u Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-minuri, fejn ir-rikorrenti Mousab Almatni (KI 538612L) talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-imsemmija minuri … omissis … mhijiex il-wild naturali tal-esponenti Mousab Almatni (KI 538612L) b'mod li għalhekk hemm lok għall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmija minuri f'dan hekk surriferit;

2. Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmija wild minuri … omissis … billi jiġu kkancellati minn kull fejn jinsabu mniżżla fl-istess att tat-twelid il-konnotati kollha tal-intimat Mousab Almatni u l-istess jiġu sostitwiti b'dak it-tagħrif illi jiġi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti u/jew tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku jħassar u jikkanċella miċ-ċertifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri … omissis … l-isem u l-konnotati ta' Mousab Almatni kull fejn jirrikorru u minflok fejn hemm missier it-tarbija jitniżżel bħala missier mhux magħruf;

3. Tordna l-korrezzjoni ta' kull att, ċertifikat, dokument relatat tal-imsemmija minuri … omissis … sabiex jirrifletti dak kollu surriferit u dan ai termini skont kif jidhrilha xieraq u opportuni din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż

Rikorrenti: 46, Sugust Moon, Triq ir-Ridott, San Pawl il-Baħar

Notifika: Kuraturi Deputati

Banns for Curators

Republic of Malta
To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court, on the 2nd February, 2022, following a request of Mousab Almatni it was ordered that deputy curators be chosen to represent the minor, in the records of the Sworn Application 24/2022 AGV, in the names Mousab Almatni vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application, filed in the Civil Court (Family Section), in the names Mousab Almatni (ID 538612L) vs Director Public Registry, Marcella Mifsud (ID 225478M) and Deputy Curators to represent the minor, on the 27th January, 2022, the applicant Mousab Almatni (ID 538612L) requested this Honourable Court so that it:

1. Declares and decides that the said minor … omissis … is not the natural child of the applicant Mousab Almatni (ID 538612L) in such a way that there is a ground for correcting the birth certificate of the said minor as mentioned;

2. Orders the correction in the birth certificate of the said minor child … omissis … by cancelling all the connotations of the respondent Mousab Almatni from wherever they are recorded in the same birth certificate and the same will be replaced with that information that is ordered by this Honourable Court and/or order the respondent Director of the Public Registry to erase and cancel from the birth certificate of the said minor … omissis … the name and the connotations of Mousab Almatni wherever they are and instead of where there is father's name it will be listed as unknown father;

3. Orders the correction of every act, certificate, related document of the said minor … omissis … in order to reflect everything above mentioned and this according to those terms which this Honourable Court deems fit and opportune.

With costs

Applicant: 46, August Moon, Triq ir-Ridott, St Paul's Bay

Notification: Deputy Curators

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Neville Camilleri LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 11 ta' Frar, 2022

Reġistru tal-Qorti (Sezzjoni Familja), illum 26 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section), above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Neville Camilleri, LLD, Doctor of Laws.

Today 11th February, 2022

Registry of the Civil Court (Family Section), today 26th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1489

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Ġunju, 2022, mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 5137/2021 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi vs Serap Albayrak, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili lil Serap Albayrak (662083911) ta' 77/4, Triq Ġorġ Borg Olivier, San Ġiljan, fit-30 ta' Novembru, 2021, il-Kummissarju tat-Taxxi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi, il-Furjana, jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €38,235 kwantu għal €18,417 rappreżentanti taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005, 2006, 2007 u 2008 u kwantu għal €19,818 bħala taxxa addizzjonali u interessi skont l-Avviż/Talba għall-Ħlas hawn unit animo ritirandi u mmarkat Dok. A.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont lill-mittenti minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek (ara l-istess Dok. A fuq ċitat) il-mittenti javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fiż-żmien hawn lilek prefiss, huwa ser jipproċedi għall-esekuzzjoni tat-titolu ottjenut ai termini tal-Artikolu 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Ħlas l-ispejjeż ta' dan l-Att

By means of a decree of the 23rd June, 2022, given by the First Hall of the Civil Courts, in the records of the judicial letter number 5137/2021, in the names Commissioner of Revenue vs Serap Albayrak, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts against Serap Albayrak (662083911) of 77/4, Triq Ġorġ Borg Olivier, San Ġiljan, on the 30th November, 2021, Commissioner of Revenue of The Office of the Commissioner of Revenue, Floriana, calls upon you so that within two days you pay the sum of €38,235 as for €18,417 representing the tax from the income and provisional tax for the years of assessment 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005, 2006, 2007 and 2008 and €19,818 as additional tax and interest according to the Notice/Demand for Payment here attached animo ritirandi and marked as Doc. A.

As you failed to pay the amount due the interpellant notwithstanding the request for payment (see the same Doc. A above mentioned), the interpellant warns you that if you fail to pay the amount due within the time given he will proceed for the execution of the title obtained in terms of Article 40 of the Act regarding the Tax Administration.

Pay the costs of this act

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 26 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts today 26th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1490

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fid-9 ta' Awwissu, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2363/2021, fl-ismijiet Fair View Property Limited vs Monarch Holdings Limited et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata Monarch Holdings Limited a tenur tal-Artikolu 187(5) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 9 ta' Ġunju, 2021

Lil: Monarch Holdings Limited (12484) ta' 13-19, St Albert Street, Il-Gżira GZR 1157

Dr Martin Fenech u PL Quentin Tanti bħala kuraturi deputati nominati permezz ta' digriet tat-28 ta' April, 2022, sabiex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' Adrian Busietta
John Ripard & Son Limited
Tanya Chetcuti

Permezz tal-preżenti, is-soċjetà Fair View Property Limited (C37844) ta' 1A, Triq Wied Għomor, San Ġiljan, qiegħda tinterpella lilkom jew lil minn minnkom sabiex fi żmien perjodu massimu ta' ħmistax-il (15) ġurnata mid-data tan-notifika tal-preżenti att ġudizzjarju, inti tħallasha s-somma ta' €12,578.62 rappreżentanti l-ħlas taċ-ċens dovut għall-perjodu mill-1 ta' Jannar, 2010 sal-31 ta' Diċembru, 2021, għall-appartament bin-numru 608, Villa Esmeralda, f'Busietta Gardens, fil-Madliena, limiti tas-Swieqi.

Intom avżati illi, fin-nuqqas li titħallas l-imsemmija somma fiż-żmien lilkom konċess, is-soċjetà mittenti sejra tistitwixxi minnufih il-proċeduri ġudizzjarji kollha opportuni kontra tagħkom, inkluż għat-terminazzjoni tal-konċessjoni enfitewtika u għall-iżgumbrament tagħkom jew minn minnkom mill-fond hawn fuq indikat, mingħajr ebda preavviż ieħor.

Din l-interpellanza qiegħda ssirilkom, inter alia, għal fini tal-Artikolu 1519 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi arretrati oħra li jistgħu jkunu dovuti minnkom jew minn minnkom.

Tant sabiex tagħrfu tirregolaw ruħkom fi żmien utili

Bl-ispejjeż

By means of a decree of the 9th August, 2022, in the First Hall of the Civil Courts in the records of the judicial letter number 2363/2021 in the names Fair View Property Limited vs Monarch Holdings Limited et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company Monarch Holdings Limited in terms of Article 187(3) et seq of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 9th June, 2021

To: Monarch Holdings Limited (12484) of 13-19, St Albert Street, Gżira GZR 1157

Dr Martin Fenech and PL Quentin Tanti as deputy curators nominated by means of a decree of the 28th April, 2022, to represent the vacant inheritance of Adrian Busietta
John Ripard & Son Limited
Tanya Chetcuti

By means of this present, the company Fair View Property Limited (C 37844) of 1A, Triq Wied Għomor, San Ġiljan, is soliciting you or any one of you that within the maximum time of fifteen (15) days from the date of notification of this judicial act, you pay the amount of €12,578.62 representing the payment of groundrent due for the period of 1st January, 2010 till 31st December, 2021, for the apartment with number 608, Villa Esmeralda, in Busietta Gardens, in Madliena limits of Swieqi.

You are warned, that in default of payment of the amount due within the time given, the interpellant company will immediately file all the opportune judicial procedures including for the termination of the emphyteutical concession and for your eviction, or of any one of you, from the premises above mentioned, without further notice.

This solicitation is made, inter alia, for all the purposes of Article 1519 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta) and without prejudice to any other arrears that may be due by you or any one of you.

So much for your own guidance

With costs

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 26 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts today 26th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1491

B'digriet tad-9 ta'Awwissu, 2022, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'rikors preżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-26 ta' April, 2022, minn Bank of Valletta plc Subbasta bin-numru 23/22 fl-ismijiet Bank of Valletta plc (C2833) vs Anna Micallef Babola qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

L-appartament internament immarkat bin-numru tnejn (2) fil-grounfloor level, formanti parti minn blokk ta' tnax-il (12) flat bla numru iżda jġib l-isem 'Sylvia Flats', fi Triq Emmanuel Galizia, qabel magħrufa bħala triq ġdida li tagħti għal Triq il-Prinċipessa Margaret f'Ta' Xbiex, liema blokk flats huwa konfinantii mit-Tramuntana mal-imsemmija triq u mill-irjieħ l-oħra kollha ma beni tal-kumpanija Gasan Properties Limited jew is-suċċessuri tagħha, u liema blokk jagħmel parti minn kumpless magħruf bħala 'Capri Court', qabel magħruf bħala 'Gasan Court', fi Triq Emmanuel Galizia, Ta' Xbiex, konfinanti l-imsemmi kumpless mill-Grigal mal-imsemmija triq, mix-Xlokk ma' Triq Giorgio Mitrovich qabel triq ġdida li tagħti għal Triq Testaferrata u mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-familja Camilleri jew l-aventi kawża tagħhom.

L-appartament huwa suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' erbgħa u tletin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (34.95), bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u suġġett għas-servituiet riżultanti mill-pożizzjoni tiegħu favur il-proprjetà l-oħra sovrastanti fl-istess blokk. L-appartament għandu s-sistemi tal-katusi tad-drains tal-ilma u d-drenaġġ komuni tal-proprjetà sovrostanti u d-dritt ta' aċċess ta' ħsara u manutenzjoni f'ħinijiet raġenoveli. Inkluż ukoll d-dritt ta' satellite dixx/television aerial u tank tal-ilma tal-kapaċità ta' mhux aktar minn ħames mitt litru (500L) fuq il-bejt tal-blokk, fil-post indikat u bi dritt ta' aċċess f'każ ta' ħsara u ta' manutenzjoni.

Inkluż ukoll l-obbligu 'prorata' għal ħlas ta' manutenzjoni u riparazzjoni tal-partijiet komuni u l-obbligu ta' tisħib fl-Owners Association tal-istess blokk meta din tiġi formata. Inkluż ukoll wieħed minn tnax-il (1/12) parti indiviża mill-partijiet intiżi għall-użu komuni, ċjoè l-entratura, taraġ, indani, tromba u partijiet kollha intiżi għall-użu komuni.

By a decree given on the 9th August, 2022, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By the application filed in the Civil Court, First Hall, on the 26th April, 2022, by Bank of Valletta plc application number 23/22 in the names Bank of Valletta plc (C2833) vs Anna Micallef Babola being asked that the Court orders the sale by auction of the:

The apartment internally numbered two (2) on the grounfloor level, forming part of a block of twelve (12) flats unnumbered but named 'Sylvia Flats', in Triq Emmanuel Galizia, before knows as new road that leads to Triq il-Prinċipessa Margaret in Ta' Xbiex, which block of flats is bounded from the north by the said street and from all other compass points by property of the company Gasan Properties Limited or its successors in title and which block is part of a complex known as 'Capri Court', formerly known as 'Gasan Court', in Triq Emmanuel Galizia, Ta' Xbiex, the said complex bounded on the northeast by the said street, on the Southeast by Triq Giorgio Mitrovich before a new road leading in Triq Testaferrata and on the north by property of the Camilleri family or their successors.

The apartment is subject to the annual and perpetual ground round of thirty four euro and ninety five cents (€34.95), with all its rights and appurtenances and subject to all servitudes resulting from its position in favour of the other overlying property in the same block. The apartment has in common with the overlying property the water and drainage pipes system and the right of access repairation and maintenance at reasonable hours. Including as well the right to install satellite dish/television aerail and water tank of not more than five hundred litres (500L) on the roof of the block, in the place indicated and with right of access in case of damages and maintenance.

Also including the 'pro-rata' obligation for payment of maintenance and reparation of the common parts and obligation to participate in the Owners Association of the same block when it is formed. Also including one of twelfth (1/12) undivided part of the parts intended for the common use i.e. the entrance, hallway stairs, stairwell and all other parts intended for common use.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Anna Micallef Babola (KI 26027A).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 22 ta' Awwissu. 2022

MARVIC FARRUGIA
Għar- Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

The said tenement is the property of Anna Micallef Babola (ID 26027A).

Registry of the Superior Courts, this Monday, 22nd August, 2022

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1492

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja fis-sitta u għoxrin (26) ta' Awwissu, 2022 (Digriet numru 94/2022BS, wara rikors numru 38/2022(BS) ġiet ikkonfermata inabilitata mill-atti kollha tal-ħajja ċivili Maria Giovanna Sultana, xebba, irtirata, bin il-mejtin Salvu Sultana u Agnes Sultana née Xerri, imwielda x-Xagħra, Għawdex, u residenti San Lawrenz, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identità numru 25331G.

Mary Anne Camilleri, née Sultana, irtirata, mart Saviour Camilleri, bint il-mejtin Salvu Sultana u Agnes Sultana née Xerri, imwielda x-Xagħra, Għawdex u residenti l-Għarb Għawdex, detentrici tal-karta tal-identità numru 78649G ġiet bl-istess digriet, nominata kuratriċi tagħha.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 26 ta' Awwissu, 2022

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

IT is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction on the twenty-six (26th) of August of the year 2022 (Decree number 94/2022BS following application number 38/2022(BS) Maria Giovanna Sultana, spinster, retired, daughter of the late Salvu Sultana and Agnes Sultana née Xerri, born in Xagħra, Gozo, and resides in San Lawrenz, Gozo, holder of identity card number 25331G, has been confirmed incapacitated from all acts of civil life.

Mary Anne Camilleri, née Sultana, retired, wife of Saviour Camilleri, daughter of the late Salvu Sultana and Agnes Sultana née Xerri, born in Xagħra, Gozo and resides in Għarb, Gozo, holder of identity card number 78649G has been nominated as her curator, by virtue of the said decree.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 26th of August, 2022

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1493

ARB/C058/2022 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-24 ta' Awwissu, 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 467/2022, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Kevin Pulis)
(l-Ispettur Mark Anthony Cremona)
(l-Ispettur Mark Cremona)

Kontra

MORAT ABDIKADIR MOHAMMED NASWAN, diżokkupat, ta' 31 sena, iben Abdikadir u Bedria xebba Krema, imwieled il-Libja fil-5 ta' Settembru, 1990, residenti ġewwa 56, Triq l-Isptar, Il-Belt Valletta u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 137257A.

ARB/C058/2022 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 24th August, 2022, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 467/2022, in the case:

The Police
(Inspector Kevin Pulis)
(Inspector Mark Anthony Cremona)
(Inspector Mark Cremona)

Versus

MORAT ABDIKADIR MOHAMMED NASWAN, unemployed, 31 years, son of Abdikadir and Bedria née Krema, born in Libya on the 5th September, 1990, residing at 56, Triq l-Isptar, Valletta and holder of Maltese identity card bearing number 137257A.

ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' MORAT ABDIKADIR MOHAMMED NASWAN u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort'oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet tal-Malta, tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' sitt mitt ewro (€600) kull ħmistax-il (15) ġurnata, minn fejn għandhom jiġu speċifikati liema flejjes jistgħu jitħallsu jew jiġu rċevuti mill-imputat matul is-sussistenza ta' din l-ordni, ossija s-sors, il-mod u l-modalitajiet l-oħra tal-ħlas inklużi salarju, paga, pensjoni u/jew benefiċċji tas-sigurtà soċjali. B'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti f'liema kont jew minn liema kont ikunu qed jiġu rċevuti l-istess flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, fl-Artikolu 5 u fl-Artikolu 36 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf ewro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 25 ta' Awwissu, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to MORAT ABDIKADIR MOHAMMED NASWAN and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by him, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, and Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of six hundred euro (€600) every fifteen (15) days, from which it shall be specified what moneys may be paid or received by the accused during the existence of this order, including the source, method and other modalities of payments including salary, wages, pension and/or social security benefits. Provided that every financial entity is ordered to present a note by which it informs the Court in which account, or from which account these moneys are taken.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 22A, Article 5 and Article 36 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 25th August, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

1494

ARB/C057/2022 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-24 ta' Awwissu, 2022 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 466/2022, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Kevin Pulis)
(l-Ispettur Mark Anthony Mercieca)
(l-Ispettur Mark Cremona)

Kontra

JUDITH BAKOUSH, mara tad-dar, ta' 31 sena, bint il-mejjet Ali Abdullah Omer Bakoush u Jane Bakoush xebba

ARB/C057/2022 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 24th August, 2022 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 466/2022, in the case:

The Police
(Inspector Kevin Pulis)
(Inspector Mark Anthony Mercieca)
(Inspector Mark Cremona)

Versus

JUDITH BAKOUSH, housewife, 31 years, daughter of the late Ali Abdullah Omer Bakoush and Jane Bakoush née

Zammit, imwielda Tal-Pietà, Malta, fit-28 ta' Diċembru, 1990, u residenti ġewwa 56, Triq l-Isptar, Il-Belt Valletta, u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 33691M.

ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' JUDITH BAKOUSH u tipprojbixxi lill-imputata milli tittrasferixxi, tagħti b'rahan, twiegħed, tipoteka jew tibdel jew xort'oħra tiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minna, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputata li tirċievi l-ammont ta' sitt mitt ewro (€600) kull ħmistax-il (15) ġurnata, minn fejn għandhom jiġu speċifikati, liema flejjes jistgħu jitħallsu jew jiġu rċevuti mill-imputata matul is-sussistenza ta' din l-ordni, ossija s-sors, il-mod u l-modalitajiet l-oħra tal-ħlas inklużi salarju, paga, pensjoni u/jew benefiċċji tas-sigurtà soċjali. B'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti f'liema kont jew minn liema kont ikunu qed jiġu rċevuti l-istess flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, fl-Artikolu 5 u fl-Artikolu 36 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf ewro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 25 ta' Awwissu, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

Zammit, born in Tal-Pietà, Malta, on the 28th December, 1990, and residing at 56, Triq l-Isptar, Valletta, and holder of Maltese identity card bearing number 33691M.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to JUDITH BAKOUSH and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by her, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, of Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of six hundred euro (€600) every fifteen (15) days, from which it shall be specified what moneys may be paid or received by the accused during the existence of this order, including the source, method and other modalities of payments including salary, wages, pension and/or social security benefits. Provided that every financial entity is ordered to present a note by which it informs the Court in which account or from which account these moneys are taken.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 22A, Article 5 and Article 36 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 25th August, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

1495

ARB/C059/2022 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-24 ta' Awwissu, 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 468/2022, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Kevin Pulis)
(l-Ispettur Mark Anthony Mercieca)
(l-Ispettur Mark Cremona)

ARB/C059/2022 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 24th August, 2022, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 468/2022, in the case:

The Police
(Inspector Kevin Pulis)
(Inspector Mark Anthony Mercieca)
(Inspector Mark Cremona)

Kontra

JOSEPH BORG, diżokkupat, ta' 50 sena, iben Louis u Antonia xebba Mifsud, imwieled Tas-Sliema, Malta, fis-27 ta' Settembru, 1971, u residenti ġewwa 38, Triq il-Baħħara, Marsaskala, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 455971M.

ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' JOSEPH BORG u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort' oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż i, Kap. 101 tal-Liġijiet tal-Malta, tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' sitt mitt ewro (€600) kull ħmistax-il (15) ġurnata, minn fejn għandhom jiġu speċifikati liema flejjes jistgħu jitħallsu jew jiġu rċevuti mill-imputat matul is-sussistenza ta' din l-ordni, ossija s-sors, il-mod u l-modalitajiet l-oħra tal-ħlas inklużi salarju, paga, pensjoni u/jew benefiċċji tas-sigurtà soċjali. B'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti f'liema kont jew minn liema kont ikunu qed jiġu rċevuti l-istess flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, fl-Artikolu 5 u fl-Artikolu 36 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf ewro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 25 ta' Awwissu, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

Versus

JOSEPH BORG, unemployed, 50 years, son of Louis and Antonia née Mifsud, born in Tas-Sliema, Malta, on the 27th September, 1971, and residing at 38, Triq il-Baħħara, Marsaskala, and holder of Maltese identity card bearing number 455971M.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to JOSEPH BORG and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by him, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of six hundred euro (€600) every fifteen (15) days, from which it shall be specified what moneys may be paid or received by the accused during the existence of this order, including the source, method and other modalities of payments including salary, wages, pension and/or social security benefits. Provided that every financial entity is ordered to present a note by which it informs the Court in which account or from which account these moneys are taken.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 22A, Article 5 and Article 36 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 25th August, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

1496

ARB/C060/2022 – ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-23 ta'Awwissu, 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Gabriella Vella, LLD). Kumpilazzjoni Numru 459/2022, fil-kawża fl-ismijiet:

ARB/C060/2022 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 23rd August, 2022, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Gabriella Vella, LLD). Compilation Number 459/2022, in the case:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Mark Anthony Mercieca)

Kontra

CARMEN CECILIA OLIVIERI DELGADO, ta' 61 sena, bint Rafael u l-mejta Lucia xebba Delgado, imwielda l-Venezuela fil-5 ta' Ottubru, 1960, mingħajr indirizz fiss f'Malta u detentriċi ta' passaport Spanjol bin-numru XDC124817.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil, jew jkunu imissu lil, jew li jkunu proprjetà ta' CARMEN CECILIA OLIVIERI DELGADO u pprojbietha milli tittrasferixxi, tagħti b'rahan, tipoteka jew xort'oħra tiddisponi minn xi propjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputata li tirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li l-imputata tindika b'nota minn fejn se tipperċepixxi dawn il-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A u fl-Artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 29 ta' Awwissu, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

The Police
(Inspector Mark Anthony Mercieca)

Versus

CARMEN CECILIA OLIVIERI DELGADO, 61 years, daughter of Rafael and the late Lucia née Delgado, born in Venezuela on the 5th October, 1960, without a fixed address in Malta and holder of Spanish passport bearing number XDC124817.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to CARMEN CECILIA OLIVIERI DELGADO and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by them, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, after the accused indicates with a note from where she is perceiving this money.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A and Article 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 29th August, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

1497

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-24 ta' Awwissu, 2022, Rikors numru 1694/2022, minn Gregory Curmi fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Liam Curmi iben id-decujus is-suċċessjoni ta' Shawn Curmi, ġuvni, bin Laurence u Carmen née Mallia, imwieled Ħ'Attard, Malta, kien residenti ż-Żejtun, Malta, u miet iż-Żejtun, Malta, fis-7 ta' Ġunju, 2022, ta' 43 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 567478M.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 24th August, 2022, Application number 1694/2022, by Gregory Curmi, whereby they requested that it be declared open in favour of Liam Curmi son of the decujus the succession of Shawn Curmi, bachelor, son of Laurence and Carmen née Mallia, born in Ħ'Attard, Malta, resided in Żejtun, Malta, and died in Żejtun, Malta, on the 7th June, 2022, aged 43, and who held identity card number 567478M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 29 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 29th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1498

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-12 ta' Lulju, 2022, Rikors numru 1265/2022, minn Carmela Roberts fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Carmela Roberts, mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Mario Roberts, Christine Demanuele u Silvio Roberts ulied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Charles Roberts, żewġ Carmela Roberts, bin il-mejtin Emanuel Roberts u Mary née Azzopardi, imwieled Tas-Sliema, Malta, kien residenti Tas-Sliema, Malta, u miet Tas-Sliema, Malta, fil-31 ta' Marzu, 2022, ta' 76 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 784845M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 26 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 12th July, 2022, Application number 1265/2022, by Carmela Roberts, whereby she requested that it be declared open in favour of Carmela Roberts, wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Mario Roberts, Christine Demanuela and Silvio Roberts children of the decujus in equal shares between them the succession of Charles Roberts, husband of Carmela Roberts, son of the late Emanuel Roberts and Mary née Azzopardi, born in Tas-Sliema, Malta, resided in Tas-Sliema, Malta, and died in Tas-Sliema, Malta, on the 31st March, 2022, aged 76, and who held identity card number 784845M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 26th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1499

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-2 ta' Awwissu, 2022, Rikors numru 1494/2022, minn Carmel Schembri fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Roza Schembri mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Carmel Schembri u Graziella Schembri ulied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Louis Schembri, żewġ Rose Schembri née Schembri, bin il-mejtin Luigi Schembri u Maria Schembri née Ellul,

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 2nd August, 2022, Application number 1494/2022, by Carmel Schembri, whereby they requested that it be declared open in favour of Roza Schembri wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Carmel Scehmbri and Graziella Schembri in equal shares between them the succession of Louis Schembri, husband of Rose Schembri née Schembri,

imwieled iż-Żurrieq, Malta, kien residenti ż-Żurrieq, Malta, u miet Ħal Luqa, Malta, fl-4 ta' April, 2019, ta' 82 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 308336M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 26 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

son of the late Luigi Schembri and Maria Schembri née Ellul, born in Żurrieq, Malta, resided in Żurrieq, Malta, and died in Ħal Luqa, Malta, on the 4th April, 2019, aged 82, and who held identity card number 308336M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 26th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1500

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-15 ta' Lulju, 2022, Rikors numru 1304/2022, minn Maria Dolores Agius née Mifsud et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Paul Agius u Antonella Gafa wlied id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż bejniethom u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Maria Dolores Agius mart id-decujus is-suċċessjoni ta' Carmel Agius, żewġ Maria Dolores Agius née Mifsud, bin il-mejtin Paul Agius u Gerolama Agius née Farrugia, imwieled Ħal Qormi, Malta, kien residenti Ħal Qormi, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fl-20 ta' Novembru, 2019, ta' 71 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 721548M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 26 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 15th July, 2022, Application number 1304/2022, by Maria Dolores Agius née Mifsud et, whereby they requested that it be declared open in favour of Paul Agius and Antonella Gafa children of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share between them and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Maria Dolores Agius wife of the decujus the succession of Carmel Agius, husband of Maria Dolores Agius née Mifsud, son of the late Paul Agius and Gerolama Agius née Farrugia, born in Ħal Qormi, Malta, resided in Ħal Qormi, Malta, and died in Msida, Malta, on the 20th November, 2019, aged 71, and who held identity card number 721548M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 26th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1501

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-3 ta' Ġunju, 2022, Rikors numru 970/2022, minn Gino Borg noe et fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Luca Borg Mallia u

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 3rd June, 2022, Application number 970/2022, by Gino Borg noe et whereby he requested that it be declared open in favour of Luca

Jake Fava ulied id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed minnhom is-suċċessjoni ta' Alison Mallia, xebba, bint Francis Mallia u Mary Carmen Mallia née Micallef, imwielda Tal-Pietà, Malta, kienet residenti Ħad-Dingli, Malta, u mietet l-Imsida, Malta, fit-18 ta' Jannar, 2022, ta' 30 sena, u li kellha karta tal-identità bin-numru 203291M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 26 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Borg Mallia and Jake Fava children of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share each one of them the succession of Alison Mallia, unmarried, daughter of Francis Mallia and Mary Carmen Mallia née Micallef, born in Tal-Pietà, Malta, resided in Ħad-Dingli, Malta, and died in Msida, Malta, on the 18th January, 2022, aged 30, and who held identity card number 203291M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 26th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1502

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-14 ta' Ġunju, 2022, Rikors numru 1047/2022, min-Nutar Nicolette Vella noe fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Rose Farrugia, Neville Farrugia, Victor Farrugia, Mario Farrugia u Joseph Farrugia ħut id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Noel Farrugia, ġuvni, bin il-mejtin Carmel Farrugia u Mary née Galea, imwieled il-Furjana, Malta, kien residenti s-Siġġiewi, Malta, u miet is-Siġġiewi, Malta, fit-12 ta' Ottubru, 2021, ta' 62 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 116859M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 26 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 14th June, 2022, Application number 1047/2022, by Notary Nicolette Vella noe whereby she requested that it be declared open in favour of Rose Farrugia, Neville Farrugia, Victor Farrugia, Mario Farrugia and Joseph Farrugia brothers and sisters of the decujus in equal shares between them the succession of Noel Farrugia, bachelor, son of the late Carmel Farrugia and Mary née Galea, born in Floriana, Malta, resided in Siġġiewi, Malta, and died in Siġġiewi, Malta, on the 12th October, 2021, aged 62, and who held identity card number 116859M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 26th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1503

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-1 ta' Lulju, 2022, Rikors numru 1196/2022, minn Anthony Grech et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Anthony Grech, Teresa

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 1st July, 2022, Application number 1196/2022, by Anthony Grech et, whereby they requested that it be declared open in favour of

sive Tessie Fenech u Alfred Grech ħut id-decujus fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed u favur Michael Grech, Marco Grech u Anthony Grech ulied il-mejjet Angelo Grech dan tal-aħħar ħu id-decujus fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż bejniethom is-suċċessjoni ta' Gioacchino Grech, armel tal-mejta Agnese Grech, bin il-mejtin Antonio Grech u Maria Grech née Vassallo, imwieled il-Mosta, Malta, kien residenti San Ġwann, Malta, u miet Ħal Luqa, Malta, fit-23 ta' Lulju 2021, ta' 96 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 249525M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 26 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Anthony Grech, Teresa sive Tessie Fenech and Alfred Grech, brothers and sisters of the decujus in the quota of one fourth (1/4) undivided share each one of them and in favour of Michael Grech, Marco Grech and Anthony Grech children of the late Angelo Grech the latter brother of the decujus in the quota of one fourth (1/4) undivided share between them the succession of Gioacchino Grech, widower of the late Agnese Grech, son of the late Antonio Grech and Maria Grech née Vassallo, born in Mosta, Malta, resided in San Ġwann, Malta, and died in Ħal Luqa, Malta, on the 23rd July, 2021, aged 96, and who held identity card number 249525M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 26th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1504

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-5 ta' Lulju, 2022, Rikors numru 1223/2022, minn Michael Azzopardi et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Elizabeth Azzopardi omm id-decujus fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż, favur Michael Azzopardi missier id-decujus fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż u favur Jean Paul Azzopardi hu d-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż is-suċċessjoni ta' Robert Azzopardi, ġuvni, bin Michael Azzopardi u Elizabeth née Bugeja, imwieled Tal-Pietà, Malta, kien residenti l-Imtarfa, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fis-7 ta' Marzu, 2022, ta' 20 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 258201L.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 26 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 5th July, 2022, Application number 1223/2022, by Michael Azzopardi et, whereby they requested that it be declared open in favour of Elizabeth Azzopardi, mother of the decujus in the quota of one fourth (1/4) undivided share, in favour of Michael Azzopardi, father of the decujus in the quota of one fourth (1/4) undivided share and in favour of Jean Paul Azzopardi brother of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share the succession of Robert Azzopardi, bachelor, son of Michael Azzopardi and Elizabeth née Bugeja, born in Tal-Pietà, Malta, resided in Mtarfa, Malta, and died in Msida, Malta, on the 7th March, 2022, aged 20, and who held identity card number 258201L.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 26th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1505

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Marzu, 2022, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4866/2021, fl-ismijiet Registratur Qrati Ċivili u Tribunali vs Wijesooriya Archchige Poorniman Marie, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 11 ta' Novembru, 2021

Lil Wijesooriya Archchige Poorniman Marie ta' Carmen, Flat 6, Triq ir-Rixtellu, Ħal Luqa

Permezz tal-preżenti r-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali ta' Qrati tal-Gustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, jinterpellak sabiex tgħaddi u tħallas fi żmien erbat (4) ijiem min-notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali, is-somma ta' €120.00 minnek dovuta bħala drittijiet tar-Reġistru inkonnessjoni mal-kawża fl-ismijiet:

Wijesooriya Archchige Poorniman Marie vs id-Direttur tad-Dipartment tac-Ċittadinanza et (Cit. Nru. 43/2021) deċiża fid-9 ta' Lulju, 2021.

Tista' wkoll tħallas online billi tidħol fis-sit (ecourts.gov.mt) u tagħżel il-ħolqa 'Ħallas id-Dritt tar-Reġistru tal-Qorti' (Pay Court Registry Fees). Fin-nuqqas il-mittent jirriżerva li jipproċedi kontrik ulterjorment skont il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 26 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 9th March, 2022, given by the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 4866/2021, in the names Registrar of Civil Courts and Tribunals vs Wijesooriya Archchige Poorniman Marie, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent in terms of Article 187(3) et sequitur Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 11th November, 2021

To Wijesooriya Archchige Poorniman Marie ta' Carmen, Flat 6, Triq ir-Rixtellu, Ħal Luqa

By the present the Registrar of Civil Courts and Tribunals of Law Courts, Republic Street, Valletta, solicits you so that within four days from the notification of this judicial letter you pay the sum of €120.00 due by you as Registry fees in connection with the law suit in the names:

Wijesooriya Archchige Poorniman Marie vs Director of the Department of Citizienship et (App. number 43/2021) decided on the 9th July, 2021.

You can also pay online by accessing the website (ecourts.gov.mt) and choose the link 'Ħallas id-Dritt tar-Reġistru tal-Qorti' (Pay Court Registry Fees). In default the applicant reserves the right to proceed further against you according to law.

So much for your own guidance

With costs

Registry of the Superior Courts today 26th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1506

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-14 ta' Settembru, 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1041/2021, fl-ismijiet Princess Holdings Limited vs Ciro Massimo Savarese ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Ciro Massimo Savarese, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

By means of a decree of the 14th September, 2021, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 1041/2021 in the names Princess Holdings Limited vs Ciro Massimo Savarese the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Ciro Massimo Savarese in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Illum s-6 ta' Mejju, 2021

Lil Ciro Massimo Savarese (KI 0214768A) ta' 7, The Waterfront, Flat 15, Triq Stella Maris, San Pawl il-Baħar

Permezz tal-preżenti Princess Holdings Limited (C72528) ta' Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, tinterpellak sabiex immedjatament tħallas is-somma ta' €1330 oltre l-imgħax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-pagament effettiv, rappreżentati 7 skadenzi ta' kambjali, kull waħda b'valur ta' €190, liema kambjali mmaturaw fid-9 ġurnata ta' kull xahar minn Ottubru tas-sena 2020 sa April tas-sena 2021 rispettivament (kopji hawn annessi u mmarkati Dok. A1-Dok. A3).

Din l-ittra uffiċjali qed issirlek a tenur tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Procedura Ċivili u għaldaqstant il-mittenti javvertik illi jekk fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali inti ma turix lill-Qorti raġunijiet gravi u validi biex topponi l-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali, allura dan il-kreditu jiġi reż titolu eżekuttiv u jinħarġu kontra tiegħek il-mandati eżekuttivi kollha spettanti lilu skont il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 26 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Today 6th May, 2021

To Ciro Massimo Savarese (ID 0214768A) of 7, The Waterfront, Flat 15, Triq Stella Maris, St Paul's Bay

By the present, Princess Holdings Limited (C72528) of Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Giljan solicits you so that immediately you pay the amount of €1330 besides legal interest from the due date of each bill of exchange till the date of effective payment representing 7 expired bills of exchange each of value €190, which bills of exchange were due on the 9th day of each month from October 2020 till April 2021 respectively (copies here attached and marked as Doc. A1-Doc. A3).

This judicial letter is being made in terms of Article 253(e) and 256(2) of the Code of Organisation and Civil Procedure and thus the interpellant warns you that if within twenty days from the notification of this judicial letter you do not show this Court grave and valid reasons to oppose the execution of these bills of exchange, thus this credit will be rendered executive title and all the executive warrants will be issued against you according to law.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 26th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1507

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-31 ta' Awwissu, 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2278/2017, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd vs Wallace Joseph Radford, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Wallace Joseph Radford a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 13 ta' Awwissu, 2017

Lil: Wallace Joseph Radford (KI 334056M) ta' 82, Wallace, Triq San Filippu, Birżebbuġa

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Limited (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-

By means of a decree of the 31st August, 2021, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 2278/2017 in the names Automated Revenue Management Services Ltd vs Wallace Joseph Radford, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Wallace Joseph Radford in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 13th August, 2017

To: Wallace Joseph Radford (ID 334056M) of 82, Wallace, Triq San Filippu, Birżebbuġa

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation,

annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €1,395.27, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u tal-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees, u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 411000043189 ossija dwar il-fond bl-indirizz 82, Wallace, Triq San Filippu, Birżebbuġa.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti jgħaddu biex jesegwixxu dan il-krettu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 26 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €1,395.27, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations or the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding the bill number 411000043189 regarding the premises with 82, Wallace, Triq San Filippu, Birżebbuġa.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 26th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1508

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fil-25 ta' Mejju, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 257/2022, fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Nicholas Diacono, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Nicholas Diacono a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti lil Nicholas Diacono (KI 574488M) ta' 53, Il-Bitħa, Triq Giovanni Curmi, L-Iklin IKL 1071, fl-20 ta' Jannar 2022, Bank of Valletta p.l.c. (C2833) ta' 1/5, Misraħ San Ġorġ, Il-Belt Valletta VLT 1190, filwaqt illi tirreferik għal tliet kuntratti magħmulin fl-atti tan-Nutar Dr Nicholas Briffa datati tnejn minnhom 19 ta' Novembru, 2014, u ieħor 17 ta' Diċembru, 2015, kif ukoll għal tliet skritturi privati datati 12 ta' Settembru, 2014, 17 ta' Novembru, 2014, u 3 ta' Settembru, 2015, fejn int iggarantejt flimkien u in solidum ma' Popular Marketing Limited a favur tal-Bank of Valletta plc, id-debiti tal-istess Popular Marketing Limited mal-Bank of Valletta plc, tinterpellak sabiex fi żmien jumejn int tħallas flimkien u in solidum bejnietkom is-somma ta' €233,594.29

By means of a decree of the 25th May, 2022, in the First Hall of the Civil Courts in the records of the judicial letter number 257/2022 in the names Bank of Valletta plc vs Nicholas Diacono, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Nicholas Diacono in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts against Nicholas Diacono (ID 574488M) of 53, Il-Bitħa, Triq Giovanni Curmi, Iklin IKL 1071, on the 20th January, 2022, Bank of Valletta plc (C2833) of 1/5 Misraħ San Ġorġ, Valletta VLT 1190, whilst referring you to three contracts in the records of Notary Doctor Nicholas Briffa dated two of them 19th November, 2014, and another one 17th December, 2015, and also three private writings dated 12th September, 2014, 17th November, 2014, and 3rd September, 2015, where you guaranteed together and in solidum with Popular Marketing Limited in favour of Bank of Valletta plc the debts of the same Popular Marketing Limited with Bank of Valletta plc, solicits you so that within two days you pay together and in solidum between you the

bilanċ għad-debitu fil-Business Loan Accounts ta' Popular Marketing Limtied mal-Bank of Valletta plc flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-14 ta' Jannar, 2022, sad-data tal-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skont il-liġi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 26 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

amount of €233,594.29 as balance of debt in the Business Loan Accounts of Popular Marketing Limited with Bank of Valletta plc together with further interest from the 14th January 2022 till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Registry of the Superior Courts today 26th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1509

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-26 ta' Ottubru, 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 756/2021, fl-ismijiet J. Zammit Limited vs Jonathan Bertus Landman ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Jonathan Bertus Landman a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 30 ta' Marzu, 2021

Lil Jonathan Bertus Landman (KI 197683A) ta' Howard Milner Res 2, Flat 22, Triq Ġużè Howard, Tas-Sliema

Permezz tal-preżenti J. Zammit Limited (C37945) ta' Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, tinterpellak sabiex immedjatament tħallas is-somma ta' €8,519.04 oltre l-imgħax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-pagament effettiv, rappreżentanti 18-il skadenza ta' kambjali kull waħda b'valur ta' €473.28, liema kambjali mmaturaw fil-25 ġurnata ta' kull xahar minn April 2019 sa Settembru 2020 rispettivament (kopji hawn annessi u mmarkati Dok. A1-Dok. A18).

Din l-ittra uffiċjali qed issirlek a tenur tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għaldaqstant il-mittenti javvertik illi jekk fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali inti ma turix lill-Qorti raġunijiet gravi u validi biex topponi l-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali, allura dan il-kreditu jiġi reż titolu eżekuttiv u jinħarġu kontra tiegħek il-mandati eżekuttivi kollha spettanti lilu skont il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek u bl-ispejjeż kontra tiegħek.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 26 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 26th October, 2021, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 756/2021 in the names J. Zammit Limited vs Jonathan Bertus Landman the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Jonathan Bertus Landman in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 30th March, 2021

To Jonathan Bertus Landman (ID 197683A) of Howard Milner Res 2, Flat 22, Triq Ġużè Howard, Tas-Sliema

By the present J. Zammit Limited (C37945) of Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, solicits you so that immediately you pay the amount of €8, 519.04 besides legal interest from the due date of each bill of exchange till the date of effective payment representing 18 expired bills of exchange each of value €473.28, which bills of exchange were due on the 25th day of each month from April 2019 till September 2020 respectively (copies here attached and marked as Doc. A1-Doc. A18).

This judicial letter is being made in terms of Article 253(e) and 256(2) of the Code of Organisation and Civil Procedure and thus the interpellant warns you that if within twenty days from the notification of this judicial letter you do not show this Court grave and valid reasons to oppose the execution of these bills of exchange, thus this credit will be rendered executive title and all the executive warrants will be issued against you according to law.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself and with costs against you.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 26th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1510

Permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Marzu, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet l-Av. Dr Paul Gauci Maistre noe vs Etienne Spiteri, Rikors numru1120/2021LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Etienne Spiteri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

